MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mir-Regoalmenti dwar il-kontroll tal-Bumunqar l-Aħmar tal-palm, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 433.32 tal-liġijiet ta' Malta, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Pjanti javża li l-azzjonijiet u l-miżuri li ġejjin, f'konformità mar-regolament 6 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 433.32, għandhom jiġu adottati b'effett immedjat.

**1. Ġestjoni ta' siġar tal-palm ġewwa siti magħżula**

1.1 Siġar tal-palm ta' kull daqs, eta' u speċi ġewwa siti magħżula indikati fl-Anness I għandhom jiġu trattati b'insettiċidi xierqa kontra l-bumunqar l-aħmar tal-palm (*Rhynchophorus ferrugineus*) kif ordnat mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti. Trattamenti preventivi għandhom jiġu applikati darba kull xahrejn.

1.2 Rekords tal-insettiċidi użati flimkien mal-frekwenza tal-użu tagħhom għandhom jinżammu kif ordnat mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti. L-ispejjeż kollha relatati mal-applikazzjonijiet ta' dawn il-prodotti għandhom jiġu koperti mill-entitajiet responsabbli.

1.3 L-uniku metodu li għandu jintuża għall-applikazzjoni ta' insettiċida preventiva huwa permezz tad-doċċa jew tixrib, iżda d-Direttorat jista', f'ċirkostanzi speċjali, jagħti awtorizzazzjoni għal tipi oħra ta' trattamenti li jistgħu jintużaw għall-kontroll tal-bumunqar aħmar tal-palm. Entitajiet tal-Gvern għandhom jiksbu wkoll awtorizzazzjoni mid-Direttorat qabel ma japplikaw metodi oħra ta' pestiċidi għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-bumunqar l-aħmar tal-palm.

1.4 Pjan ta' kontroll għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jiġi sottomess mill-entitajiet/individwi responsabbli għal siti magħżula lid-Direttorat fuq bażi annwali. Il-pjan għandu jinkludi s-siti, id-dati u l-pestiċidi li għandhom jintużaw. Kwalunkwe aġġornament li jkun sar lill-pjan irid jiġi nnotifikat lid-Direttorat fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol.

1.5 Entitajiet/individwi responsabbli għal siti magħżula għandhom jinnotifikaw lid-Direttorat permezz ta' emejl fuq plantquarantine@gov.mt u blili jċemplu fuq 22926535 bid-dati ppjanati għaż- żbir tas-siġar tal-palm fis-siti indikati mill-inqas ħamest ijiem, li huma ġranet ta' xogħol, minn qabel.

1.6 Fejn mhux stipulat, għandhom jiġu applikati l-linji gwida rigward żbir u bexx fuq siġar tal-palm maħruġa mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti.

**Anness 1**

**Parti A – Lista ta' siti magħżula**

| Kodiċi tal-Mappa | Lokalità |
|---|---|
| 1 | Ġonna ta' l-Argotti, Il-Furjana |
| 2 | Vjal de Paule, Attard |
| 3 | Ġnien Herbert Ganado, Il-Furjana |
| 4 | Ġnien Howard, Rabat – Malta |
| 5 | Ġnien Sa Maison (Ġ**nien** tal-Milorda), Il-Furjana |
| 6 | Il-Barrakka ta' Fuq, Valletta |
| 7 | Il-Barrakka t'Isfel, Valletta |
| 8 | Ġnien Spencer, Marsa |

| | |
|---|---|
| 9 | (Gżira ta') Kemmuna |
| 10 | Il-Mall (Ġnien Maglio), Il-Furjana |
| 11 | Triq Sant'Anna, Il-Furjana |
| 12 | Triq it-Torri, Sliema |
| 13 | Triq San Anard, Ix-Xagħra – Għawdex |
| 14 | Villa Rundle, Ir-Rabat – Għawdex |
| 15 | Il-Gnien ta' Sant' Anton |

**Parti B – Mapep ta' siti magħżula**

Mappa 1




Mappa 2



Mappa 3




Mappa 4




Mappa 5




Mappa 6




Mappa 7



Mappa 8




Mappa 9




Mappa 10




Mappa 11




Mappa 12




Mappa 13




Mappa 14




Mappa 15




Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti
110, Triq Annibale Preca
Lija LJA 1915

**Siti ta' siġar tal-Palm li jirrikjedu trattament preventiv obbligatorju**

Il-Green ta' Sant Anton